MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2002

Rikors Numru. 217/1997/1

Carmelo Grima
vs
Direttur tal-Edukazzjoni

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi dan l-ilment hu bazat fuq li ingustament u appositament huwa gie mcahhad minn promozzjoni li kellu ditt ghaliha, u dan sar b'makkinazzjoni apposta. Dan il-kaz kien diga resaq b'forma zbaljata u kien igib in-numru 5/97.

Il-fatti fil-qosor kienu dawn:

Kienet saret sejha ghall-applikazzjonijiet ta' Education Assistants u r-rikorrent applika. Kienu tlieta li ghaddew. L-ewwel wiehed telaq fi zmien qasir, Anthony Degiovanni dahal ha l-promotion u wara ttrasferixxa ruhu ghall-promotion ohra. Kien imiss lir-rikorrent. Is-Sur Degiovanni

rrizenja xahar u nofs qabel ghalqet id-data tal-validita` tal-interview ghall-promotion, u ghalhekk minn dakinhar tar-rizenja l-post kien battal u bi dritt tar-rikorrent. F' dawn il-proceduri ma kienx hemm bzonn ta' konklavi ghaliex ir-rizultat u l-order of merit kienu stabbiliti.

Dan barra li kien hemm fatti ohra li jippruvaw li dan sar minn qabel u anke wara appositament.

Illi kien hemm il-hsieb li jingiebu x-xhieda indikati in sostenn tat-talba.

Ghaldaqstant intalab li dan it-Tribunal jisma' u jiddeciedi dwar l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li ssir gustizzja mieghu jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jithallas kumpens skond l-istess ligi.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta' l-Agent Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni li eccepixxa:

Illi preliminarjament la r-rikors huwa dwar bord tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, din ghandha tigi kjamata fil-kawza sakemm dan huwa permess mill-Att VIII ta' l-1997.

Il-procedura kollha esegwita dwar is-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-kariga msemmija hija din:-

i) Fit-23 ta' Ottubru 1990 harget is-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-postijiet ta' Education Assistants f'divesi suggetti fosthom ghall-Arti. Il-Bord ta' l-Ghazla kien maghmul minn Dr Paul Heywood, Chairman, Ms M. T. Carabott, Membru, Sur C. Spiteri rapprezentant tal-MPO u s-Sur John Bonnici specjalist fis-suggett (Dok A).

ii) Fil-5 ta' Frar 1992 il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ppubblikat ir-rizultat (Dok B).

iii) Fid-9 ta' Marzu 1992 il-Prim Ministru approva l-hatra tas-Sur Anthony Demicoli, li kien gie l-ewwel fir-rizultat bhala Education Assistant fl-Arti (Dok C).

iv) Fid-29 ta' Lulju 1992 is-Sur Demicoli li kien fl-ewwel sena ta' prova, gharraf lill-intimat li ma xtaqx izomm il-hatra ta' Education Assistant (Dok D).

v) Fl-24 ta' Awissu 1992 saret rakkomandazzjoni lill-Kummissjni dwar is-Servizz Pubbliku biex is-Sur Anthony Degiovanni li gie t-tieni fir-rizultat jigi mahtur bhala Education Assistant fl-Arti biex jimla l-vakanza li nholqot meta s-Sur Demicoli m'accettax li jibqa' f'dan il-grad (Dok E).

vi) Fl-24 ta' Settembru 1992 il-Prim Ministru approva l-hatra tas-Sur Anthony Degiovanni bhala Education Assistant fl-Arti (Dok F1 u F2).

vii) Fid-29 ta' Marzu 1993 is-Sur Degiovanni gie mahtur Education Officer ghalhekk kien f'din id-data li nholqot mill-gdid il-vakanza ghall-post ta' Education Assistant fl-Arti (Dok G1 u G2).

Mhux korrett ir-rikorrent dwar il-fatti kif esposti fl-ahhar sentenza tat-tieni paragrafu tar-rikors. Il-fatti kienu dawn:

Peress li r-rizultat gie ppublikat fil-5 ta' Frar 1992 (Dok B) u dan ir-rizultat kien validu ghal sena ma setghetx issir rakkomandazzjoni biex is-Sur Grima jigi mahtur Education Assistant fl-Arti u ghalhekk kellha tohrog sejha ohra ghall-applikazzjonijiet. F'din is-sejha s-Sur Grima rega' applika u gie fil-hames post.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet tar-rikorrent bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi mill-verbal tal-24 ta' Novembru 1998 jirrizulta illi Dr Borg Costanzi ghall-intimat irtira l-ewwel eccezzjoni.

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit tieghu fejn ikkonferma l-fatti riportati fir-rikors u zied ighid li fit-23 ta' Ottubru 1990 harget is-sejha ghall-applikazzjoni tal-postijiet ta' Education Assistant, u li fil-5 ta' Frar 1992 il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ippubblikat ir-rizultat li fih gie l-ewwel Anthony Demicoli b'84 marka, Anthony Degiovanni f'79 marka u Carmel Grima r-rikorrent b'54 marka. Hu qal li dan ir-rizultat baqa' validu ghal sena u cioe` sal-4 ta' Frar 1993.

Semma li fid-29 ta' Lulju 1992 is-Sur Demicoli li kien ilu diga` erba' xhur fil-grad xeba' u rega' mar lura bhala Assistant Head of School. Wara saret il-hatra tas-Sur Anthony Degiovanni peress li dan kien it-tieni u hu sostna li dam fil-kariga mit-22 ta' Settembru 1992 sal-1 ta' Jannar 1993 u cioe` qabel ghalaq iz-zmien tal-validita` tar-rizultat.

Sostna li ghalhekk la darba s-Sur Degiovanni battal il-post, ma kienx hemm hlief ir-rikorrent u ghalhekk hu kellu jigi offrut dan il-post. Hu sostna li ghalhekk saret ingustizzja mieghu.

Sostna li l-post kien vakanti ghal xahar u gimgha u ma qabilx mal-fatt li Degiovanni spicca fid-29 ta` Marzu 1993 kif hemm imnizzel fuq il-linja ta' qabel tal-ahhar a fol 13 tal-process.

Xehed John Bonnici Headmaster Targa Gap li rtira xi 9 snin ilu. Hu kien wiehed mill-membri tal-Bord liema Bord kien ghamel interview biss ghax ma kienx sar ebda ezami bil-miktub. Cahad kategorikament li qabel ma ghamlu l-

interviews xi hadd kien qallhom li haga dwar ir-rikorrent Grima jew li xi hadd prova jindahallu.

Ikkonferma r-rizultat li jinsab a fol 6 tal-process li minnu r-rikorrent jirrizulta li gab 54 marka.

Xehed Mario Cacciattolo li jahdem mal-Gvern mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u ghandu l-grad ta’ Direttur Finanzi u Amministrazzjoni li kkonferma li kienu saru 3 applikazzjonijiet li s-Sur Grima gie fit-tielet post. Il-promozzjoni giet allokata lill-ewwel wiehed li kien Tony Demicoli. Ftit wara Tony Demicoli rtira u allura gie msejjah biex jimla’ l-post vakant is-Sur Degiovanni.

Semma li meta jsir ezami jew inkella interview tal-PSC dak ir-rizultat jibqa’ jghodd ghal sena. Il-bord tal-ghazla kien lesta x-xoghol tieghu u r-rizultat gie pubblikat fil-5 ta’ Frar 1992 u allura kellu jibqa’ validu sal-4 ta’ Frar 1993.

Tony Demicoli ha l-post u rtira wara ftit zmien u precizament l-appointment tieghu kien hadu b’sehh mit-28 ta’ April 1992 u rtira minnu fid-29 ta’ Lulju 1992. Dak li gie t-tieni u cioe` Tony Degiovanni mbaghad kien fil-lista u nhatar b’sehh mit-22 ta’ Settembru 1992 u baqa’ hemm sakemm imbaghad rega’ lahaq Education Officer fid-29 ta’ Marzu 1993.

Esebixxa wkoll a fol 48 tal-process kopja tal-letter of appointment tas-Sur Degiovanni dejjem bid-data tad-29 ta’ Marzu 1993. Esebixxa wkoll kopja tal-personal records sheets ta’ Anthony Degiovanni u minnha jirrizulta li sar Education Assistant mit-22 ta’ Settembru 1992 u sar Education Officer fid-29 ta’ Marzu 1993. Peress li kienet ghaddiet is-sena bil-fors kellha ssir sejha ghall-applikazzjonijiet godda. Semma li sakemm persuna ma jkollhiex l-appointment ghalkemm ikun jaf li fir-rizultat gie klassifikat b’dak il-mod, dan xorta wahda jkun ghadu tal-grad ta’ qabel.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi dan it-Tribunal sejjer l-ewwel jidhol fl-aspett purament legali tal-kaz izda in segwitu ser jaghddi kummenti ohra.

Jibda biex jinghad illi l-fatti hargu cari fejn ir-rikorrent kien applika ghal post ta’ Education Assistant wara li fit-23 ta’ Ottubru 1990 kienet harget sejha ghall-applikazzjonijiet u li fil-5 ta’ Frar 1992 l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ppublikat ir-rizultat. Kien gie klassifikat l-ewwel is-Sur Anthony Demicoli u dan gie mahtur fid-9 ta’ Marzu 1992 izda s-Sur Demicoli ma kienx xtaq izomm aktar din il-kariga u in segwitu fl-24 ta’ Awissu 1992 kienet saret rakkomandazzjoni lil Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku biex is-Sur Anthony Degiovanni li kien gie t-tieni fir-rizultat, jigi mahtur Education Assistant fl-arti biex jimla’ l-vakanza li nholqot meta s-Sur Demicoli ma accettax li jibqa’ f’dan il-grad.

Fl-24 ta’ Settembru 1992, l-Prim Ministru fil-fatt kien approva l-hatra tas-Sur Degiovanni bhala Education Assistant fl-arti. Is-sur Degiovanni in segwitu gie mahtur Education Assistant fid-29 ta’ Marzu 1993 u ghalhekk kien ghaddiet is-sena tal-validita` tar-rizultat bil-konsegwenza li dak ir-rizultat ma kienx ghadu aktar applikabbli. Ir-rikorrent prova jghid illi fil-fatt Anthony Degiovanni kien spicca minn qabel ma ghalqet il-validita` tar-rizultat. Dan ma rnexxilu jipprovah b’xejn u ghalhekk it-Tribunal bil-fors jaccetta l-eccezzjoni tal-intimat Direttur ta’ l-Edukazzjoni ghax b’ebda mod ma giet ippruvata t-talba tar-rikorrent.

Izda minn naha l-ohra wkoll it-Tribunal ihoss li ghandu jghaddi certa kummenti dwar dan il-kaz ghalkemm it-Tribunal spiss ikollu kazijiet fejn ikun jixtieq jesprimi xi opinjonijiet ta’ dak li innota fil-kors tal-process spiss jaghzel il-linja li ma jikkumenta xejn dwar dan biex ma jweggax is-sentimenti ta’ persuni. Izda f’dan il-kaz partikolari jhoss illi dawn il-limiti gew oltrepassati b’mod ikrah mir-rikorrent b’mod li diversi nies possibilment setghet issirilhom hsara u dan b’mod ingust kawza tal-agir irresponsabbli totali tar-rikorrent. It-Tribunal ghandu l-obbligu li jiddeciedi l-kawzi pero` fl-istess hin ghandu l-obbligu li jipprotegi lil min jidher quddiemu.

Jibda biex jitkellem it-Tribunal dwar dak li jinsab fl-affidavit tar-rikorrent a fol 34 tal-process li huwa mimli affarijiet zbaljati ghalkemm guramentati. Ir-rikorrent jaghmel

riferenza ghax-xhieda ta’ John Bonnici wiehed mill-komponenti tal-Bord. Fil-fatt fix-xhieda ta’ Bonnici dan ipprova jimplika li dan Bonnici bil-mod li dan kien qallu li xi hadd kien tah xi ordnijiet biex lir-rikorrent ma jaghddiehx. Infatti sarulu domandi fuq dan ir-rigward u Bonnici cahad dan kollu. Il-fatt stess li r-rikorrent kien ghadda juri kemm car u tond zgur li m’hemm hadd li ta dawn l-ordnijiet u kieku stess xi hadd tahom zgur li ma gewx segwiti ghax kieku r-rikorrent stess ma kienx jaghddi. Izda r-rikorrent ma waqafx hawnhekk izda zied fl-affidavit a fol 34 tal-process u ghadda rimarki dwar l-avukat tal-intimat. Sostna li l-Imhallef sedenti kellmu lil Bonnici b’mod informali fuq xogholu, fuq l-interviews li kien qed imexxi. Semma li ghandu l-impressjoni li l-Imhallef l-anqas tah il-gurament lil Bonnici u meta gibed l-attenzjoni ta’ dan Dr Brincat dan dehrlu li kien tard wisq.

Fl-istess affidavit semma li c-chairman tal-Bord Dr Heywood kellu motiv personali biex jopponi ghal hatra tieghu. Sostna li d-Direttur ta’ l-Edukazzjoni mexa b’azzjonijiet abbuzivi fil-konfront tieghu. In segwitu ta’ dan l-affidavit l-Imhallef sedenti kien iddecieda illi r-rikorrent ghandu jitla’ jixhed izda dan baqa’ tiela mhux fuq il-pedana tax-xhud izda beda jitla’ fuq it-Tribuna u fuq domanda tat-Tribunal minn fejn jixhed bniedem irrisponda li kien minn fejn qieghed u mistoqsi mill-Imhallef ghaliex allura baqa’ tiela fejn it-Tribuna meta gie biex jixhed qal ghax l-Avukat qallu li mhux ser jixhed dak in-nhar.

A fol 40 tal-process jidher minn dak li pprezenta l-istess rikorrent li kien irraporta lid-Direttur ta’ l-Edukazzjoni lil Ombudsman b’korruzzjoni u abbuz ta’ poter u sejjah illi dak li taghmel il-PSC bhala sabutagg u stqarr li l-personal record sheet ta’ Degiovanni hija imbabsa. Jinghad ukoll li a fol 53 tal-process ir-rikorrent ghalkemm mhux suppost ipprezenta dokumenti rega’ pprezenta kwantita` ta’ dokumenti ohra minghajr il-permess tal-Qorti u l-Qorti kellha tordna l-isfilz taghhom. Meta l-Avukat ta’ l-intimat ma felahx aktar ghamel ir-rikors a fol 66 tal-process u ghalkemm it-Tribunal iddecieda li f’ dak l-istadju ma jiehux il-passi ghad-disprezz ta’ l-Awtorita` tal-Qorti kontra r-rikorrent xorta wahda ikollu jinnota illi fil-fatt l-Avukat ta’ l-

intimat kien gie akkuzat li ghamel affarijiet li mhux veru u qarrieqa kif ukoll ir-rapprezentant tad-Dipartiment kitiblu fir-residenza tieghu u anke gheddu li sejjer jiehu passi ta' "corrupt practice".

Dan ma kienx bizzejjed ghax baqa' f'diversi dokumenti jghaddi kwantita` ta' kummenti dispreggattivi lejn diversi persuni koncernati.

It-Tribunal jiddispjacieh illi bil-fors ikollu jaghmel referenza ghal dawn il-fatti u certament ma ghandu xejn kontra r-rikorrent tant li jekk xi haga, ma hax il-passi kontra tieghu izda hass l-obbligu li fil-protezzjoni lejn il-persuni li ssemmew f'diversi kummenti tar-rikorrent ghandu jirrileva dan kollu ghax dan jista' jkun ta' pregudizzju ghall-persuni hemmhekk imsemmija li kieku t-Tribunal ma jsemmieh specifikatament.

Ghal dawn il-motivi jidher car li r-rikorrent ma jaghtikx l-affidament ta' persuna responsabbli li ghandha tigi moghtija l-appointment. It-talba tar-rikorrent hija michuda.

Spejjez kontra r-rikorrent.